**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 232/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Karla Calleja**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Karla Calleja**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 296506(L), akkużata quddiem il-Qorti tal-Minorenni (Malta) talli nhar il-21 ta' Lulju 2021 għall-ħabta ta' 12.35hrs ġewwa Papier, Triq l-Esperanto, Msida:

1. ikkommettiet serq sempliċi għad-dannu ta' Papier sitwat ġewwa Triq l-Esperanto, Msida.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-11 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 31, 37(2) u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tagħha u wara li rat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li l-ħatja titqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal żmien ta' sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *In oltre*, l-Ewwel Qorti ordnat li ġialadarba l-imputata tagħlaq l-eta' ta' sittax-il sena hija għandha tagħti mhux anqas minn tmenin (80) siegħa servizz fil-komunita' skont id-direttivi mogħtija lilha mill-uffiċjali assenjati magħha u dan kollu skont il-kondizzjonijiet annessi mas-sentenza. L-Ewwel Qorti spjegat il-portata tas-sentenza u r-riperkussjonijiet tal-ksur tagħha lill-ħatja li kkonfermat illi fehmet l-istess.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-20 ta' Mejju 2022 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, billi tillibera l-appellanta jew fin-nuqqas tirriforma s-sentenza billi tiġi applikata kontra l-appellanta l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 fejn l-appellanta tiġi lliberata bil-kondizzjoni[1] li ma tagħmilx reat ieħor f'perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha xierqa u opportun."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

[1] Vide **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Emily Calleja** – Numru 74/2006 – Deċiża 8 ta' Mejju, 2006 – Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Anca Elena Mifsud u Maris Micallef** – Numru 815/2004 – Deċiża 25 ta' Ottubru, 2004 – Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob lil din il-Qorti sabiex tilliberaha jew fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward tal-piena nflitta fil-konfront tagħha mill-Ewwel Qorti. L-uniku aggravju msemmi mill-appellanti fir-Rikors tagħha huwa dak dwar il-piena li tgħid li hija waħda eċċessiva.

Illi jibda billi jingħad li minkejja li fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob li tiġi liberata, il-Qorti ma tistax tifhem kif din it-talba qed issir ġialadarba quddiem l-Ewwel Qorti ġiet reġistrata ammissjoni da parte tagħha. Jirriżulta wkoll li wara li l-Ewwel Qorti tatha żmien sabiex terġa' tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha, hija kkonfermat l-ammissjoni ta' ħtija tagħha u l-kawża ġiet differita għas-sentenza b'dan illi fis-seduta ta' wara ngħatat is-sentenza li minnha qed jiġi kkunsidrat dan l-appell.

Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti stante li ma hemmx bażi fuq xiex l-appellanti tiġi liberata.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li

tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċċitat hawn fuq b'dan illi fir-rigward tal-każ odjern il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatti:

- l-eta' tal-appellanti meta kkommettiet ir-reat;
- in-natura tal-imputazzjoni addebitata fil-konf*ront tagħha;
- l-ammissjoni bikrija ta' ħtija tagħha hekk kif reġistrata quddiem l-Ewwel Qorti;
- il-fatt li mill-fedina penali aġġornata tal-appellanti u li ġiet eżebieta quddiem din il-Qorti jirriżulta li l-fedina penali tagħha baqgħet waħda kompletament nadifa;
- waqt is-sottomissjonijiet finali quddiem din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-piena mogħtija mill-Ewwel

Qorti setgħet tingħata pero' ngħad ukoll li setgħet kienet anqas ħarxa;

- ma jirriżultax li sar ir-rapport ta' rakkomandazzjoni li jsemmi Artikolu 11(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dana minkejja li l-Ewwel Qorti mponiet li jsir servizz fil-komunita'.

Illi meħud in konsiderazzjoni l-fatti elenkati hawn fuq, b'mod partikolari l-aħħar wieħed, il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti għaldaqstant ser tnaqqas mill-piena it-tmenin (80) siegħa servizz fil-komunita' li l-appellanti ġiet ikkundannata tagħmel mill-Ewwel Qorti b'dan illi ser tħalli *in vigore* l-Ordni ta' Probation għal żmien sentejn. L-appellanti għandha tagħraf li għamlet ħażin, tinduna bl-iżball li għamlet u ma tergax tirrepetih.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte* u għalhekk tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fl-appellanti tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha;

- tħassar dik il-parti tal-piena nflitta mil-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet ordnata tagħti mhux anqas minn tmenin (80) siegħa servizz fil-komunita' ladarba tagħlaq l-eta' ta' sittax-il sena;

- tikkonferma dik il-parti tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn l-appellanti ngħatat Ordni ta' Probation għal żmien ta' sentejn, liema perjodu jibda jiddekorri millum;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

Finalment, il-Qorti fissret lill-appellanti Karla Calleja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kondizzjonijiet kollha msemmija fih u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, tista' tingħata sentenza għar-reat li tiegħu nstabet ħatja b'din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**